

IL-QORTI ĠENERALI

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralis tas-16 ta' Novembru 2017 – USFSPEI vs Il-Parlament u Il-Kunsill

(Kawża T-75/14) ⁽¹⁾

[“Rikors għal annullament — Terminu għall-preżentata ta’ rikors — Inammissibbiltà — Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Riforma tar-Regolamenti tal-Persunal u tal-Kondizzjonijiet tal-impieg applikabbli għall-agtenti l-oħra — Regolament (UE, Euratom) Nru 1023/2013 — Irregolaritajiet matul il-proċedura ta’ adozzjoni tal-atti — Nuqqas ta’ konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal u mat-trade unions — Ksur suffiċċientement ikkaratterizzat ta’ dispożizzjoni legali li tagħti drittijiet lill-individwi”]

(2018/C 005/33)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Union syndicale fédérale des services publics européens et internationaux (USFSPEI) (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: inizjalment J.-N. Louis u D. de Abreu Caldas, sussegwentement J.-N. Louis, avocats)

Konvenuti: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: A. Troupiotis u E. Taneva, agħetti) u Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment M. Bauer u A. Bisch, sussegwentement M. Bauer u M. Veiga, agħetti)

Intervenjenti insostenn tal-konvenuti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment G. Gattinara u J. Currall, sussegwentement G. Gattinara u G. Berscheid, agħetti)

Suġġett

Minn naħa, talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tal-Artikolu 1(27), (32), (46), (61), (64)(b), 65(b) u (67)(d) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1023/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 li jemenda r-Regolamenti tal-Persunal għall-Ufficijali tal-Unjoni Ewropea u l-Kondizzjonijiet tal-Impieg ta’ Ağġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2013, L 287, p. 15), u, min-naħa l-oħra, talba bbażata fuq l-Artikolu 268 TFUE u intiża għall-kisba ta’ kumpens għad-dannu li r-rikorrenti allegatament sostniet bħala riżultat tal-adozzjoni tar-Regolament Nru 1023/2013 biקסur tal-Ftehim dwar ir-Riforma tal-2004, tal-Artikoli 12 u 27 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, tal-Artikolu 10 tar-Regolamenti tal-Persunal u tal-proċedura ta’ ftehim prevista mid-deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta’ Ġunju 1981.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) L-Union syndicale fédérale des services publics européens et internationaux (USFSPEI) hija kkundannata tkħallas, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, dawk tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- 3) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat l-ispejjeż tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 194, 24.6.2014.